MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 260/1994/1

**Mary mart Carmelo Zarb u l-istess Carmelo Zarb**

**Vs**

**Mauro Overend**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li fis-27 ta' Marzu 1993, fil-ghaxija, fi Triq in-Naxxar, San Gwann, sehh incident stradali li fih l-attrici li kienet qed taqsam it-triq b'*typewriter* f'idejha sfat investita mill-vettura Citroen numru L-2928 misjuqa mill-konvenut b'velocita` qawwija;

Premess illi b'rizultat dirett ta' l-incident stradali msemmi l-attrici sofriet griehi u lezjonijiet personali ta' natura gravi u permanenti kif ukoll danni ohra rizultanti mit-tifrik tat-*typewriter* li hija kienet qeghda ggorr kif gia ssemma';

Premess li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident ilmentat stante li b'imperizja, b'imprudenza, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa holoq l-incident bir-rizultanzi tieghu;

Premess illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mill-attrici baqa' inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikanent responsabbli ghall-incident stradali li sehh fis-27 ta' Marzu 1993, fil-ghaxija, fi Triq in-Naxxar, San Gwann, meta b'imperizja, b'imprudenza, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku huwa nvesta lill-attrici waqt li din kienet qed taqsam it-triq;

2. Tiddikjara li b'rizultat dirett ta' l-imsemmi incident l-attrici sofriet griehi u lezjonijiet personali ta' natura gravi u permanenti kif ukoll sofriet danni ohra rizultanti mit-tkissir tat-*typewriter* li hija kienet qeghda ggorr;

3. Tillikwida d-danni kollha kkagunati lill-attrici fl-incident imsemmi occorendo permezz ta' periti nominandi kemm-il darba jkun il-kaz; u

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez tal-prezenti nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-8 ta' Lulju 1993 u ta' l-ittri interpellatorji tas-17 ta' Awissu 1993, tal-31 ta' Awissu 1993, tal-5 ta' Novembru 1993 u ta' l-14 ta' Jannar 1994 kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficcjali msemmija sad-data tal-hlas eventwali kollha kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa illi:-

Illi t-talbiet attrici huma fl-ewwel lok infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-eccipjent mhuwiex unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni li sehh fis-27 ta’ Marza 1993 fi Triq in-Naxxar, San Gwann u mhux minnu li kien qed isuq b’velocita qawwija l-vettura Citroen numru L2928 kif allegat fic-citazzjoni;

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal premess, l-attrici li kienet qed taqsam it-triq b’*typewriter* f’idejha u li sfat investita mill-vettura Citroen numru L2928 misjuqa mill-eccipjent, ma sofriet l-ebda griehi u lezjonijiet ta’ natura gravi u permanenti kif allegat fic-citazzjoni u dana skond ma jirrizulta mic-certifikat mediku anness man-nota ta’ l-eccezzjonijiet u mmarkat Dok. A;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Mejju 1994 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Tonio Mallia biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tat-23 ta’ Marzu 1998 li permezz tieghu, wara qbil bejn il-partijiet gie nominat bhala perit mediku l-Prof. Victor Griffiths;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit mediku li tinsab a fol. 52 tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-28 ta’ Settembru 1998;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali li tinsab a fol. 58 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-8 ta’ Frar 1999;

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni tal-perit mediku Prof. Victor Griffiths moghtija fl-udjenza tat-2 ta’ Gunju 1999;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Fi kwestjoni ta’ investiment ta’ *pedestrian*, bhal ma huwa dan il-kaz il-Qorti ma tista’ titlaq minn ebda presunzjoni ta’ htija tas-sewwieq jew li l-*pedestrian* ghandu dejjem ragun. Izda, kif kellha okkazjoni tosserva u tenuncja l-Qorti ta’ l-Appell, kolleggjalment komposta, fid-decizjoni fl-ismijiet “**Salvatore Bongailas –vs- Joseph Mercieca**”, 20 ta’ Jannar 1967, “b’danakollu hu veru illi, fejn m’hemmx regolat b’xi mod partikolari l-passagg tal-*pedestrians*, *pedestrian* li juza t-triq karrozzabbli anqas ghandu jitqies xi intruz; u filwaqt illi l-*pedestrian* ghandu certament juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghall-utenti ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta’ perikolu jew emergenza, minn naha l-ohra d-*drivers* ta’ karozzi, li huma magna ta’ potenza li joqtlu jew ikorru, ghandhom l-obbligu gravi li jiehdu kura li jsuqu b’mod illi ma jkunx ta’ perikolu jew dannu ghall-*pedestrians* li ghandhom ukoll id-dritt li juzaw it-toroq”;

Biex tissokta fuq din it-tema tad-dritt tal-*pedestrians* li jaghmlu uzu mit-toroq l-istess Qorti ta’ l-Appell f’decizjoni ohra taghha irravvizat dan:-

“Meta fis-socjeta` taghna nies fit-triqat ma jistghux jimxu aktar anke f’dawk il-partijiet ta’ l-istess triqat fejn ghandhom jistennew biss traffiku minn naha u mhux

ukoll mill-ohra, allura nkunu abbandunajna kull rispett ghas-sahha u l-inkolumita` tal-persuna biex jiddomina nkontrastat it-trasport mekkanizzat, l-istat taghna jkun hafna aghar milli qatt kien" – "**Carmel Attard –vs- John** Baldacchino", 20 ta' Lulju 1994;

Dan premess, huwa ovvju illi kull kaz ghandu fattispeci singolari ghalih. Tehtieg allura ndagini tal-provi akkwiziti biex minnhom il-Qorti tezamina s-sewqan tal-konvenut, il-mod kif l-attrici-*pedestrian* kienet qed tittraversa t-triq u billi twiezen ukoll ic-cirkostanzi ambjentali fil-mument ta' l-infortunju;

Il-Qorti hasbet sew fuq dan il-kaz u qieset ic-cirkostanzi kollha u waslet ghal konkluzjoni illi r-rizultanzi peritali dwar ir-responsabilita` ghas-sinistru ma tistax tigi addossata fuq il-konvenut u li allura minn dan il-punto di vista l-konkluzjonijiet tal-perit legali ma jistghux jitqiesu censurabbli;

Il-fatti juru li l-incident sehh meta l-attrici kienet qed titraversa t-triq b'*typewriter* f'idejha. Kien gja dalam u dwal fit-triq ma kienx hemm. Hi tghid li qabel ma bdiet taqsam harset iz-zewg nahat tat-triq, l-ewwel lejn il-lemin u wara lejn ix-xellug. Intlaqtet meta kienet gja qasmet tliet kwarti tat-triq. La semghet il-karozza tal-konvenut tavvicina lejha hlief meta semghat *brake* ftit qabel intlaqtet u lanqas rat dawl ta' karozza gejja fid-direzzjoni taghha (fol. 109). Din l-ahhar osservazzjoni taghha hi zmentita mix-xhieda ta' PS 508 Frank Bezzina (fol. 115) li jghid li l-attrici qaltlu li rat karozza gejja mill-boghod. Ara okkorrenza a fol. 132;

Minn naha tieghu l-konvenut (fol. 124) jghid li hu kien gej isuq bi *speed* bejn il-hamsa u ghoxrin (25) u t-tletin (30) mil fis-siegha mid-direzzjoni tan-Naxxar lejn San Gwann. It-triq kienet imxarrba billi kienet ghamlet ix-xita. Kien dlam cappa pero` hu kellu l-*main beams* mixghulin. Ra lill-attrici meta kienet distanti minnu cirka hmistax (15) sa ghoxrin (20) metru, applika l-*brake* u pprova jevitaha billi gibed lejn il-lemin pero` xorta wahda laqatha bil-gemb tax-xelluq tal-vettura. Din il-versjoni hi kwazi fit-totalita`

taghha korroborata mill-gharusa tieghu Nathalie Pace (fol. 128);

Minn dawn il-fatti l-perit legali jigbed dawn l-inferenzi u konsiderazzjonijiet:-

I. Il-konvenut sewwieq tal-vettura ma kienx ghaddej bi *speed* eccessiv. Il-perit gudizzjarju jispjega dan mid-dinamika ta’ l-incident, il-fatt li l-attrici ma gietx imtajra xi distanza notevoli, il-vettura ma ssubiet l-ebda hsarat (ara wkoll xhieda ta’ PS 508 li ezamina l-vettura dakinhar ta’ l-incident) u l-griehi sofferti mill-attrici ma kienux magguri. [Ara fir-rigward ir-rapport ta’ l-espert mediku (fol. 52) u t-twegibiet ta’ dan l-espert taht it-tironcinju ta’ l-eskussjoni (fol. 71)];

II. Il-konvenut kien ghaddej fuq in-naha regolari tat-triq, u ma kellux allura jsib il-kareggjata tieghu nvaza mit-traversament ta’ l-attrici;

III. L-attrici zbaljat meta qasmet it-triq fi dlam cappa u billi t-triq hi wiesgha kellha tuza massima attenzjoni u prudenza l-hin kollu, anke billi tieqaf f’nofs it-triq. Dan aktar u aktar imbaghad meta, kif irrizulta, qabel ma qasmet kienet osservat vettura gejja anke jekk mill-boghod;

Rinfaccjata b’dawn ir-rizultanzi l-attrici tikkritika r-rapport billi ssostni fin-Nota ta’ Kritika taghha (fol. 82) illi l-perit legali ma tax debita konsiderazzjoni u piz il-fatt illi la hi kienet liebsa “top isfar” ma jsitax ikun li l-konvenut ma osservahiex. B’konsegwenza ghal din id-deduzzjoni taghha hi targomenta illi l-konvenut ma kienx qed izomm “*a proper look-out*”;

Issa huwa veru li kif akkolt fid-decizjoni fl-ismijiet “**Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**”, Appell Civili, 23 ta’ Frar 1962 “hu obbligu li kull *driver* jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi, bhal ma huwa l-hin ta’ bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-piz tal-vejikolu, l-istat ta’ l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anke dmir ta’ *driver* li jzomm dik li

komunement tissejjah '*a reasonable careful look-out*' liema dmir igib mieghu li d-*driver* jara dak li jkun ragjonevolemnt vizibbli". Li jfisser li jinkombi b'dover fuq kull sewwieq li juza attenzjoni partikulari kif jikkonduci s-sewqan tieghu u jirregola l-velocita` ghax b'hekk jilqa' ghall-imprevvist u jevita li jsib ruhu konfrontat b'mod improvviz minn ostakoli. F'dan il-kaz pero` ma tirrizulta l-ebda trasgressjoni tar-regoli stradali maghrufa u ta' dawk il-principji elementari ta' prudenza fil-konduzzjoni tas-sewqan da parte tal-konvenut. Kif gja espost l-ebda imputabilita` ta' htija ma tista', fic-cirkostanzi rizultanti tigi addebitata lill-konvenut. U fil-verita` ma giet provata l-ebda negligenza jew sfrontatezza mprudenti antecidenti fis-sewqan tal-konvenut u certament ma kienetx din il-kawza li kkrejat l-istat ta' emergenza;

Invece, kif taraha din il-Qorti, kien l-ghemil inkonsiderat ta' l-istess attrici li ta lok ghall-akkadut. Dan qed jigi rilevat in kwantu kif rikapitulat mill-fatti l-attrici jew ma harset xejn jew jekk harset ma harsetx kif kellha thares qabel ma ddecidiet li titraversa t-triq. Anke kieku stess din il-Qorti tasal biex taccetta l-versjoni taghha li verament harset ukoll fid-direzzjoni mnejn kien gej il-konvenut hi kellha taccerta ruhha l-hin kollu illi gjaladarba ddecediet li taqsam, dan it-traversament setghet taghmlu bla xkiel u minghajr riskju ghaliha nnifisha. Mhux hekk jidher li ghamlet u la naqset mid-dover li tippresta attenzjoni, ghall-investiment taghha, *imputet sibi*;

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Mary Bonello et –vs- Sylvia Fsadni**", 11 ta' Marzu 1998, il-Qorti ta' l-Appell ghamlet din l-osservazzjoni:-

"Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi hawn si tratta ta' ezercizzju ta' xi privilegg tal-*pedestrian* jew li tezisti xi forma ta' presunzjoni ta' dritt favur tieghu meta dan ikun involut f'incident ma' vettura. Ghall-kuntrarju l-kejl li bih jehtieg li tigi meqjusa l-materja ta' responsabilita` jibqa' dak klassiku tad-determinazzjoni ta' x'kienet il-kawza prossima u immedjata ta' l-incident u x'kien il-fatt determinanti li pprovokah. Hu car li kemm il-*pedestrian* kif ukoll id-*driver*, ghandhom dmirijiet u

responsabilitajiet bhala utenti tat-triq u kull wiehed minnhom kien bil-ligi obbligat li josserva r-regolamenti li jinkombu fuqhom biex jigi assigurat illi fl-ezercizzju tad-dritt taghhom li juzaw it-triq ma jaghmlu xejn biex ifixklu lil haddiehor fl-uzu legittimu ta' l-istess triq. Hu meta jsir abbuz mid-dritt ta' dan l-uzu billi ma jigux osservati r-regolamenti li l-ligi timponi li jinholqu cirkostanzi li jipprovokaw is-sinistru. Minn dan in-nuqqas, sew jekk tal-*pedestrian*, sew jekk tas-sewwieq, temani r-responsabilita` ghall-akkadut."

Kemm il-Qorti, kif ukoll il-perit legali qabilha, fl-evalwazzjoni tal-fatti, indikaw u stabilew illi fil-kaz in ispecje r-responsabilita` tas-sinistru ma kienetx tal-konvenut u li anzi wkoll l-attrici ma wasletx biex tissodisfa dan l-oneru inkombenti fuqha, kif hekk jiddetta l-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12. Jifdal biss li l-Qorti taghlaq il-materja hawn agitata b'din is-silta, kaptata mid-decizjoni a **Vol. XXIX P IV p 1031**:

"Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll l-obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun u d-*driver*, li jkun qed isuq karozza b'mod regolari, isib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* m'ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f'dik il-kontingenza."

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-adozzjoni tar-rapport peritali, tiddikjara illi l-konvenut ma jistax jitqies fi htija ghall-incident li sehh fis-27 ta' Marzu 1993 fi Triq in-Naxxar, San Gwann li fih sfat investita l-attrici Mary mart Carmelo Zarb mill-vettura tal-konvenut;

Konsegwentement, tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez tal-kawza jigu nterament sopportati mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------